MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2012

Avviz Numru. 25/2011

**Alberta Fire and Security Equipment Limited (C-6606)**

**Vs**
**Paul Fenech (Karta ta' l-Identità bin-Numru 459165M) f'ismu proprju u ghan-nom ta' Paul Fenech Woodworks**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Alberta Fire and Security Equipment Limited fil-25 ta' Jannar 2011, permezz ta' liema titlob li l-konvenut f'ismu proprio u ghan-nom ta' Paul Fenech Woodworks jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' disat elef mija u erbgha u hamsin Euro u sitta u hamsin centezmu (€9,154.56) rapprezentanti bilanc tal-prezz dovut ghal materjal u servizzi ikkonsenjati, installati u rezi lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess, liema prezz baqa' ma thallasx u dana nonostante diversi interpellazzjonijiet inkluz ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li dwarha saret Risposta;

Rat illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat bir-Rikors tas-socjetà attrici u bl-Avviz ta' l-Appuntament naqas milli jipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici u ma deherx ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti;

Rat l-affidavit ta' Marilyn Caruana u d-dokumenti annessi mieghu;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjeta' attrici titlob li l-konvenut f'ismu proprio u ghan-nom ta' Paul Fenech Woodworks jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €9,154.56 rapprezentanti bilanc tal-prezz dovut ghall-materjal u servizzi minnha kkonsenjati, installati u rezi lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess.

Il-konvenut ghalkemm debitament notifikat bir-Rikors tas-socjetà attrici u bl-Avviz tas-Smigh ma pprezentax Risposta in opposizzjoni ghat-talbiet attrici u lanqas deher ghas-seduti ffissati mill-Qorti.

L-ammont pretiz mis-socjetà attrici jirrizulta konfermat permezz ta' affidavit ta' Marilyn Caruana li gie prezentat fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 u ta' dokumenti esebiti flimkien ma' l-istess affidavit, u senjatament ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu ffirmat fis-27 ta' April 2011, fejn il-konvenut intrabat li jhallas lis-socjetà attrici l-ammont komplessiv ta' €9,793.00 permezz ta' pagamenti mensili ta' €1,088.11 u dana sa' l-1 ta' Jannar 2012, liema ammont però baqa' ma thallasx.

Il-Qorti ghalhekk hija sodisfatta li l-konvenut huwa debitur tas-socjetà attrici fis-somma mitlub fir-Rikors promotur ta' €9,154.56 u ghaldaqstant it-talba tas-socjetà attrici tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut f'ismu proprio u

ghan-nom ta' Paul Fenech Woodworks ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €9,154.56, bl-imghax legali dekoribbli mill-25 ta' Jannar 2011, id-data tal-prezentata tar-Rikors promotur, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenut f'ismu proprio u ghan-nom ta' Paul Fenech Woodworks.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------